# “Alla magħna”

Kemm fit-tħabbira tal-Anġlu lil Marija u kif ukoll fil-ħolma ta’ San Ġużepp, l-Anġlu Gabriel jagħmel referenza għall-isem ta’ Emanuel, li jfisser “Alla magħna”. Ftit tal-jiem ilu ċċelebrajna it-twelid ta’ dan l-Emanuel; ta’ dan Alla li sar bniedem bħalna. Alla sar bniedem biex jurina min hu u qalilna wkoll kif nistgħu naslu għandu u narawh vera kif inhu wara din il-ħajja. Il-kelma t’Alla fit-Testment il-Ġdid kollha turina kif in-nies raw u esperjenzaw il-persuna ta’ Ġesù, dan Alla li sar wieħed minna. Kemm verament aħna lesti li nesperjenzaw lil Ġesù fil-ħajja tagħna? Kemm aħna lesti li lill-Emanuel (Alla magħna), verament inħalluh ikun magħna fil-ħajja tagħna ta’ kuljum? Huwa dejjem lest biex jidħol f’ħajjitna u jkun magħna, kemm fi żminijiet sbieħ u kif ukoll fi zminijiet ta’ sofferenzi u tbatija. Huwa jrid ikun magħna, l-ewwel u qabel kollox għax huwa l-ħallieq tagħna u s-salvatur tagħna. Huwa biss jafna b’mod konkret u komplut. Hu biss jaf eżatt x’hemm moħbi fil-qalb tagħna. Ejjew inħallu lilna nnfusna nesprjenzaw lil Ġesùfil-ħajja spiritwali tagħna. Jekk aħna nħalluh ikun magħna huwa jbiddilna biex minn din id-dinja stess nesperjenzaw il-qdusija, l-istess qdusija li Alla jixxenaq biex jagħtina għax aħna tiegħu u jridna nħalluh nkunu tiegħu biss.

Nawguralek biex f’din is-sena l-ġdida tagħmel l-almu tiegħek biex tiftaħ qalbek u ħajjtek għal dak Alla li sar bniedem biex ikun magħna.

Awguri u barkiet għas-sena l-ġdida!

P. Aaron Zahra O.P.
*Pirjol*

www.opbirgu.org

Patrijiet Dumnikani, Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu

# Mit-telgħa tal-Lunzjata

Ħarġa nru. 4 Jannar 2020



Saint Thomas Aquinas minn Abraham Van Diepenbeek (1596-1675).

## INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES

Knisja Santissima Marija Annunzjata, il-Birgu

| *Data Proposta* | *Ħin* | *Intenzjoni* | *Ħin* | *Data aċċettata* |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem ta' min qed jirċievi l-flus: | | Ammont irċevut: | € |
| Data: __ / __ / ____ | Numru tat-telefon: | | |



Niskopru

# l-Katekiżmu

## tal-Knisja Kattolika

**Laqgħat miftuħa għal kulħadd**

**minn Novembru sa April,**

**kull nhar ta' Ġimgħa fis-7p.m.**

**fl-Oratorju tal-Kunvent tad-Dumnikani, il-Birgu.**

# Mid-djarju tal-Knisja tal-Lunzjata

L-Erbgħa 1 ta' Jannar – *Solennità ta' Marija Omm Alla*
Quddies: 8a.m., 10a.m. u 12p.m.
(Filgħaxija ma jkunx hemm quddies)

.

Il-Ġimgħa 3 ta' Jannar – *Festa tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù*
Fl-4p.m. – Party tal-Milied għall-abbatini.

Fil-5:30p.m. – Rużarju. Fis-5:45p.m. Talba tal-Għasar u purċissjoni fil-knisja bil-Bambin tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, wara quddiesa u barka Sagramentali.

Is-Sibt 4 ta' Jannar – *Ħatra tal-Kumitat taċ-Ċentinarju ta' San Duminku*
Fis-6:15p.m. quddiesa solenni tal-Epifanija tal-Mulej u wara l-quddiesa l-Pirjol ser iħabbar uffiċjalment il-membri tal-Kumitat tal-Festi tat-800 sena mill-mewt ta' Missierna San Duminku.

Il-Ħadd 5 ta' Jannar – *L-Epifanija tal-Mulej*
Fl-10:00a.m. quddiesa kantata mmexxija mill-pirjol.

Il-Ġimgħa 10 ta' Jannar – *Laqgħa tal-Katekiżmu*
Fis-7p.m. laqgħa tal-katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.

Il-Ġimgħa 17 ta' Jannar - *Laqgħa tal-Katekiżmu*
Fis-7p.m. laqgħa tal-katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.

Il-Ġimgħa 24 ta' Jannar - *Laqgħa tal-Katekiżmu*
Fis-7p.m. laqgħa tal-katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.

It-Tlieta 28 ta' Jannar – *Festa ta' Tumas t'Awkinu, Duttur tal-Knisja*
Fil-5:30p.m. – Rużarju

Fis-5:45p.m. – Talba tal-Għasar

Fis-6:15p.m. – Quddiesa u barka sagramentali.